MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 1/2007/1

**Mary Grace Cassar**

**vs**

**Francis Cilia, Philip Cilia u Joseph Cilia**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta’ Dicembru, 2007, il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta’ Raba’ ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Bord
>
> Ra r-rikors ghar- ritrattazzjoni ta’ Francis Cilia, Philip Cilia u Joseph Cilia li jghid hekk:
>
> “Illi fil-25 ta’ Settembru 2006 inghatat sentenza mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba fil-kawza fl-ismijiet “Mary Cassar vs Francis, Philip u Joseph

ahwa Cilia (Rik Nru 11/2005) li permezz taghha r-rikorrenti odjerni nghataw terminu ta’ tlett (3) xhur sabiex jizgumbraw l-ghalqa ta’ kejl ta’ circa erbat elef u tnejn u tletin metru kwadru (4,032mk) imsejha tax-Xaghra tat-Targa l-Hamra limiti tas-Salib tal-gholja s-Siggiewi

Illi l-proceduri surriferiti gew a konjizzjoni tal-esponenti biss fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar 2007 ossia meta l-Marixall tal-Qorti nnotifika lil wiehed mill-esponenti, s-Sur Francis Cilia , bil-Mandat ta’ Zgumbrament nru 3/2007, liema notifika saret fir-residenza tal-istess Francis Cilia bin-numru 63, Triq Papa Pawlu VI, is-Siggiewi.

Illi t-tlett esponenti, ghalkemm ahwa, huma lkoll mizzewgin u ilhom ghal kwazi tletin sena jghixu fid-djar konjugali differenti u dan f’lokalitajiet differenti f’Malta, kif taf tajjeb l-intimata.

Illi minkejja dan l-intimata lanqas darba wahda ma ppruvat tinnotifika lir-rikorrenti Philip u Joseph Cilia u ppruvat tinnotifika biss lill-esponent Francis Cilia fi kwalunkwe kaz fid-dar li kien ilu aktar minn sentejn qabel ma nfethu l-proceduri ma joqghod fiha.

Illi peress li qatt ma sar l-ebda tentattiv ta’ notifika fil-konfront tal-esponenti Francis, Joseph u Philip Cilia qatt ma gew a konjizzjoni tal-proceduri mibdija kontrihom.

Illi fi kwalunkwe kaz, l-intimata setghet facilment taghmel indagini facilissimi biex isir taf l-indirizz reali tal-esponenti, anke b’semplici tiftixa fuq l-elenku tat-telefon, izda ghazlet li tibqa’ tipprova tinnotifika f’dar vojta u maghluqa li fi kwalunkwe kaz kien precedentement joqghod fiha biss wiehed mill-esponenti ossia Francis Cilia.

Illi tali indagini mbaghad jidher li fil-fatt konvenjentement saret f’temp qasir hafna meta

gie sussegwentement biex jigi notifikat is-surriferit mandat ta' zgumbrament li sar fid-dar fejn jabbita prezentament Francis Cilia.

Illi evidentement l-esponenti kellhom kull interess illi jiddefendu ruhhom fil-proceduri quddiem dan l-Onorabbli Bord kieku gew debitament notifikati anke peress li mhux talli ma hallewx l-ghalqa u x-xaghra in kwistjoni fi stat ta' abbandun izda talli ghadhom jahdmuha u jiehdu hsiebha sal-gurnata tal-lum.

Illi l-esponenti ghandhom kwindi interess li l-kawza deciza fil-25 ta' Settembru 2006 mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba fl-ismijiet "Mary Cassar vs Francis, Philip u Joseph ahwa Cilia (Rik Nru 11/2005) tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghaliex ir-rikors promotorju qatt ma gie notifikat lill-esponenti Philip u Joseph Cilia u tressqet il-procedura tal-affissjoni u l-publikazzjoni bil-hsara ghall-interessi tal-istess esponenti kif inhu mahsub fl-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu (1) jirrevoka s-sentenza moghtija fil-25 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet "Mary Cassar vs Francis, Philip u Joseph ahwa Cilia (Rik Nru 11/2005) u (2) jordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza bl-ispejjes kontra l-intimata

Ra r-risposta tal-intimata Mary Cassar:

Illi in linea preliminari n-nullita' tal-azzjoni odjerna stante li l-okkju tar-rikors kellu jigi invertit u dan ghaliex huma r-rikorrenti Francis Cilia et li qeghdin jipproponu l-azzjoni

Illi in linea preliminari l-azzjoni hija nulla stante illi ghaddew aktar minn tlett xhur minn meta r-rikorrenti saru jafu bis-sentenza inkwistjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju n-notifiki tar-rikorsi numru 11/2005JC saru skond il-ligi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza kwindi ma hemmx lok gbhal ritrattazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi mill-atti jirrizulta illi din hija azzjoni proposta ghar-ritrattazzjoni ta’ decizjoni ta’ dan il-Bord u li nghataw zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari dwarha li f’cirkostanzi simili ikun jispetta lill-Bord li jiddetermina dawn iz-zewg eccezzjonijiet qabel ma jsir ezami dwar il-mertu. B’dan il-kaz izda, il-Bord qieghed *ex officio* jissolleva in-nullita’ tal-atti in ezami ghas-segwenti ragunijiet:

Illi r-ritrattanti ppostulaw it-talba taghha taht id-dispost tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta minkejja li erronjament indikaw l-Kap 19. L-art 811 tal-Kap 12 jipprovdi ghal diversi kazijiet fejn parti tista’ titlob ghar-ritrazzjoni ta’ kawza izda l-kawzi gudikati mill-Bord li jirregola l-Kiri tar-Raba’ jistghu ikunu biss ritrattati <u>minnu</u> ghal zewg ragunijeit kif ser jinghad. L-artikolu 13(1) (a) u (b) tal-Kap 199 jippreskrivu id-dritt li kull parti jadixxi lill-Bord biex jerga’ jisma’ mill-gdid rikors minnu deciz **<u>unikament</u>** fil-kazijiet fejn il-parti l-ohra tkun ottjeniet sentenza fuq rapprezentazzjoni hazina tal-fatti jew dikjarazzjoni falza jew, f’kaz ta’ ripresa ghal skop ta’ kostruzzjoni skond l-artikolu 4(2)(b) tkun naqset milli tuza ir-raba’ ghal dak l-iskop. Fil-kaz in dizamina, l-ahwa Cilia talbu lil dan il-Bord jirrevoka, jhassar u jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismjiet premessi (Rik Nru 11/2005) deciza mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ fil-25 ta’ Settembtru 2006 peress illi qatt ma kienu notifikati bil-proceduri kontra taghhom u peress illi b’hekk tezisti ir-raguni moghtija fl-artikolu 811(b) tal-Kap 12 ghar-ritrattazzjoni;

Illi skond l-insenjament tal-Qrati taghna, ara **Peter Borg vs Emanuel Busuttil (App 12/01/05)**,

> **Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri (App 10/01/2003) u Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe (App 12/05/2003)** talba ghal-ritrattazzjoni quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera tista' ssir **biss** ghar-raguni unika kif provdut fl-artikolu 42 tal-Kap 69 u bil-procedura hemm indikata. L-artikolu 42 tal-Kap 69 jipprovdi l-istess rimedju taht id-dispost tal-artikolu 13 (1) u (2) tal-Kap 199 Dwar it-Tigdid tal-Kiri tar-Raba u ghalhekk l-analogija bejn l-artikolu 42 Kap 69 u 13(1)(2) Kap 199 ssegwi b'mod logiku.
>
> B'hekk jirrizulta illi l-Bord mhux kompetenti jisma u jiggudika dwar talbiet ghar-ritrattazzjoni meta dawn isiru ghar-ragunijiet msemmija fl-artikolu 811 tal-Kap 12 u dan qed ikun solllevat ghaliex li kieku l-Bord kellu jitratta r-rikors meta adit taht dak il-provvediment, ikun qed jassumi poteri li mhumiex kompetenti lilu. Il-procedura skond l-artikolu 13 tal-Kap 199 hija wahda specjali u l-partijiet jistghu jirrikorru ghaliha biss fil-kazijiet hemm imsemmija. L-ilment tal-ahwa Cilia mhux wiehed kif ravvizat fl-artikolu 13 tal-Kap 199.
>
> Ghal dawn il-mottivi ir-rikors qed ikun dikjarat null u bla effett;
>
> Bl-ispejjez kontra l-intimati ritrattanti.”

Appellaw minn din is-sentenza l-intimati bl-aggravju illi l-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' ghamel analisi errata ta' l-ipotesi tal-ligi f'materja ta' ritrattazzjoni in kwantu tikkoncerna l-kompetenza tal-Bord ghal xi wahda mir-ragunijiet ikkontemplati mill-Kodici ritwali fl-Artikolu 811;

Sfortunatament, dan l-aggravju hu wiehed minn sensiela li din il-Qorti htiegilha tinvesti f'appelli devoluti lilha minn decizonijiet guridikament zbaljati tal-Bord adit.

Maggorment, imbaghad, mill-ottika ta’ l-Artikolu 13 (3) tal-Kapitolu 199 li, *expressis*, jipprovdi ghar-ritrattazzjoni ghal xi wiehed mill-motivi elenkati fl-Artikolu 811 predett;

A skans ta’ ripetizzjoni zejda din il-Qorti qeghda b’semplici referenza taghmel applikabbli wkoll ghall-appell odjern l-konsiderandi minnha zvolti fid-decizjonijiet recensjuri taghha fl-ismijiet “**Mary Grace Vassallo -vs- John Axiaq**”, (Rikors Nru. 3/2007) u “**Angela Mangion -vs- Gustavo Sciortino pro et noe**”, (Rikors Nru. 1/2001) rispettivament pronunzjati fis-27 ta’ Frar, 2009 u 13 ta’ Frar, 2009.

Ghal motivi kollha dettati fil-precitati sentenzi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza tal-Bord, irrevokata. Tirrinvija l-atti lura lill-Bord dwar il-Kontroll ta’ Kiri ta’ Raba’ biex dan jiddeciedi l-mertu tar-raguni tar-ritrattazzjoni skond il-ligi. Fic-cirkustanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------